MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 143/2003

**Joseph Chetcuti**

**vs**

**Linette Chetcuti**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 7 ta' Frar 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur Joseph Chetcuti u l-konvenuta Linette Chetcuti zzewgu fit-18 t'April 1998.

Illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti ma twieldu ebda tfal;

Illi l-imsemmija Linette Chetcuti rrendiet ruhha hatja kontra l-attur zewgha ta' sevizzi, eccessi, minaccji u ngurji gravi

kommessi kontrih, b'mod li rrendiet impossibbli l-hajja konjugali bejniethom.

Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili (Dok "JC1").

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Chetcuti minhabba sevizzi, eccessi, minaccji, u ngurji gravi li l-imsemmija Linette Chetcuti kkommettiet fuq zewgha.

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta' l-attur u l-mezzi ta' martu.

3. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, *occorrendo* billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

4. Tikkundanna lill-konvenuta tirritorna lill-attur l-assi parafernali kollha tieghu;

**5.** Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fis-17 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attur sittin (60) gurnata sabiex

jipprezenta l-provi kollha li jista’ permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat id-digriet nota guramentata moghti wkoll lill-attur fis-17 ta’ Marzu 2003 fejn gie mitlub jelenka fil-qasir il-pretensjonijiet tieghu, bin-notifika lil kontro-parti li wkoll permezz ta’ nota guramentata ghandha tindika fejn ma taqbilx.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 2 t’April 2003 li permezz taghha esebiet seba’ dokumenti, fosthom affidavit tieghu stess u iehor t’ommu Rita Chetcuti.

Rat il-verbali tas-seduti tal-20 ta’ Mejju 2003 fejn il-Qorti ordnat li ssir in-notifika tac-citazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12** bil-pubblikazzjoni ssir f’gazzetta lokali wahda; u tal-14 t’Ottubru 2003 fejn Dr. Ilona Debono ghall-attur obbligat ruhha li tipprezenta nota tal-assi fi zmien ghoxrin (20) gurnata.

Rat in-nota tal-attur tal-25 ta’ Novembru 2003 fejn permezz taghha pprezenta l-prospett kif rikjest.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Novembru 2003 fejn Dr. Ilona Debono ddikjarat li m’ghandhiex provi izjed u fil-kontumacja tal-konvenuta (li fil-fatt giet notifikata *a tergo* fol. 33) l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 26 ta’ Frar 2004.

Rat li l-konvenuta giet notifikata personalment fil-11 ta’ Settembru 2003 *a tergo* ta’ fol.33 tal-processs u ma pprezentat l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat li in vista ta’ tali notifika personali lill-konvenuta ma kienx hemm bzonn in-notifika permess tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12** ghalhekk f’din id-decizjoni qed tirrevoka *‘contrario imperio’* d-digriet taghha tal-20 ta’ Mejju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet fejn il-konvenuta baqghet kontumaci u bhala provi ngabu biss ix-xhieda tal-attur u ta’ omm l-attur Rita Chetcuti, it-tnejn bil-procedura tal-affidavits, apparti dokumenti esebiti.

Illi mill-ftit provi prodotti, izda li ma humiex kontestati jirrizulta li l-konvenuta kienet hatja *verso* l-konvenut ta’ sevizzi, eccessi, minaccji u ingurji gravi, b’mod li rrendiet il-hajja konjugali mpossibbli u dan minhabba d-diversi akkuzi li hija vvantat *verso* l-attur inkluz dawk ta’ relazzjoni ma’ nisa ohra, allegazjonijet li almenu mill-atti processwali jidhru nfondati, apparti l-fatt li l-istess konvenuta heddet diversi drabi lill-konvenut anke b’hajtu, u z-zwieg bejn il-partijiet skond l-attur dam biss sentejn u nofs. Illi fil-fatt apparti dan jidher li hemm inkompatibbilta’ ta’ karattru bejn il-partjiet u kawza tal-istess iz-zwieg bejn il-partijiet gie rez ukoll impossibbli u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi dwar it-tieni talba ta’ manteniment jirrizulta li z-zewg partijiet ghandhom impjieg u allura mhux il-kaz li t-tieni talba ghandha tigi milqugha, u fi kwalunkwe kaz id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 (1) (a) (b) u (d) tal-Kap 16** ghandhom jigi applikati fil-konfront tal-konvenuta.

Illi dwar komunjoni tal-akkwisti din ghandha tigi ddikjarat xolta b’effett mid-data tal-bidu ta’ proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili u cjoe’ mit-28 ta’ Gunju 2002, u mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess komunjoni tikkonsisti fil-fond Block N, Flat 2, Wied Hesri, Siggiewi, u garage li in verita’ ma giex identifkat, salott u kamra tas-sodda, u ghalhekk din il-Qorti tordna li l-istess immobbli fuq indikati, u kull dritt tal-partijiet fuq l-istess jinbiegh in subasta u r-rikavat tal-istess jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet filwaqt li s-salott ghandu jigi assenjat lill-konvenuta u l-kamra tas-sodda lill-attur.

Illi dwar beni parafernali jidher li l-attur ghandu l-vettura Seat Ibiza Numru JAH – 565 u l-Lambretta Reg. No. FAB

– 684 mentri l-konvenuta ghandha l-vettura Peugeot 106 Reg. No. BBD – 928 u naturalment dawn jibqghu proprjeta’ tal-istess rispettivament.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, u filwaqt li **tichad it-tieni (2) u r-raba’ talba attrici biss** kif hawn premess u deciz, **tilqa’ t-talbiet l-ohra kollha attrici** biss fis-sens hawn deciz, b’dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Chetcuti minhabba sevizzi, eccessi, minaccji, u ngurji gravi li l-imsemmija Linette Chetcuti kkommettiet fuq zewgha b’dan li rrendiet il-hajja konjugali impossibbli u wkoll minhabba nkompatibbilta’ ta’ karattru tal-partijiet li rrenda l-hajja flimkien impossibbli ghax iz-zwieg tkisser irremedjabbilment.

2. Tichad din it-talba *stante* li l-partijiet it-tnejn ghandhom impjieg.

3. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u dan b’effett mit-28 ta’ Gunju 2002 u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni, b’dan illi tiddikjara li l-istess komunjoni tikkonsisti fil-fond Block N, Flat 2, Wied Hesri, Siggiewi, li jinkludi kull dritt u/jew titolu li l-istess partijiet ghandhom fuq l-istess anke abbazi tad-dokumenti esebiti u garage, li in verita’ ma giex specifikat f’dawn il-proceduri, salott u kamra tas-sodda, u ghalhekk din il-Qorti tordna li l-istess immobbli fuq indikati, u kull dritt tal-partijiet fuq l-istess ghandhom jinbieghu in subbasta u r-rikavat tal-istess jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet filwaqt li s-salott qed jigi assenjat lill-konvenuta u l-kamra tas-sodda qed tigi assenjata lill-attur.

4. Tichad din it-talba *stante* li ma jirrizultax mill-provi li l-konvenuta ghandha fil-pussess taghha xi beni parafernali tal-attur b’dan pero’ li jigi ddikjarat li l-attur ghandu bhala beni parafernali tieghu l-vettura Seat Ibiza Numru JAH – 565 u l-Lambretta Reg. No. FAB – 684 mentri l-konvenuta

ghandha bhala beni parafernali taghha l-vettura Peugeot 106 Reg. No. BBD – 928 u naturalment dawn jibqghu proprjeta' tal-istess parti rispettivament kif hawn indikati.

5. Tapplika kontra konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (a) (b) u (d) tal-Kodici Civili.**

Bl-ispejjez kollha kontra konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------